

31997F0719(02)

C 221/11

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

19.7.1997

ATT TAL-KUNSILL
tad-19 ta' Ġunju 1997
li jistabbilixxi t-Tieni Protokoll tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji
tal-Komunitajiet Ewropej

(97/C 221/02)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu K.3 (2) (ċ) tiegħu,

Billi, għall-fini li jintlaħqu l-miri ta' l-Unjoni, l-Istati Membri jqisu l-għieda kontra l-kriminalità li tkun ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej bħala kwistjoni ta' interess komuni li taqa' taħt il-koperazzjoni prevista fit-Titolu VI tat-Trattat;

Billi permezz ta' l-Att tiegħu tas-26 ta' Lulju 1995 ⁽¹⁾ il-Kunsill fassal, bħala l-ewwel ftehim, il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet, maħsuba b'mod iktar speċifiku sabiex tikkumbatti l-frodi ta' ħsara għal dawk l-interessi;

Billi permezz ta' l-Att tiegħu tas-27 ta' Settembru 1996 ⁽²⁾ il-Kunsill fassal, fit-tieni stadju, protokoll għall-Konvenzjoni dirett partikolarment kontra atti ta' korruzzjoni li jinvolvu uffiċjali nazzjonali u Komunitarji u li jkunu ta' ħsara jew li x'aktarx ikunu ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej;

Billi jeħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi ssupplimentata iktar permezz ta' protokoll ieħor dirett b'mod partikolari lejn ir-responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi, lejn il-konfiska, lejn il-*money laundering* u lejn il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni bl-iskop li jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej u l-protezzjoni tad-*data* personali relatata għalihom;

JIDDEĊIEDI li b'dan ikun stabbilit it-Tieni Protokoll, li t-test tiegħu huwa dispost fl-Anness ma hawnhekk u li huwa ffirmat illum mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni;

JIRRAKKOMANDA li jiġi adottat mill-Istati Membri skond il-ħtiġijiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom.

Magħmul fil-Lussemburgu, 19 ta' Ġunju 1997.

Għall-Kunsill

Il-President

M. DE BOER

⁽¹⁾ ĠU C 316, 27. 11. 1995, p. 48.

⁽²⁾ ĠU C 313, 23. 10. 1996, p. 1.